Emenda 34
Ingeborg Gräßle, Salvador Garriga Polledo, Crescenzio Rivellini
f'isem il-Grupp PPE-DE
Göran Färm and Jens Geier
f'isem il-Grupp S&D
Gerben-Jan Gerbrandy, Carl Haglund
f'isem il-Grupp ALDE
Bart Staes, Franziska Katharina Brantner
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Rapport **A7-0263/2010**
Ingeborg Gräßle, Crescenzio Rivellini
Emenda tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 rigward ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej, fir-rigward tas-servizz Ewropew ta' azzjoni esterna
COM(2010)0085 – C7-0086/2010 – 2010/0054(COD)

Proposta għal regolament
–

EMENDI TAL-PARLAMENT*

għall-proposta tal-Kummissjoni

REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 rigward ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej, fir-rigward tas-*Servizz* Ewropew *għall-Azzjoni Esterna*

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 322 tieghu, flimkien mat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea għall-Enerġija Atomika, u b'mod partikolari l-Artikolu 106a tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-Proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Qorti tal-Awdituri[1],

---

* Emendi: it-test ġdid jew modifikat huwa indikat permezz tat-tipa korsiva u grassa; it-thassir huwa indikat permezz tas-simbolu ▌.
[1] GU C […], […], p. […].

Filwaqt li mxew skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja,

Billi:

(1) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 rigward ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej[1] (minn hawn 'il quddiem ir-Regolament Finanzjarju), jistabbilixxi l-prinċipji tal-baġit u r-regoli finanzjarji li għandhom jiġu rispettati fl-atti leġiżlattivi kollha. Huwa meħtieġ li jiġu emendati ċerti dispożizzjonijiet tar-Regolament Finanzjarju sabiex jittieħed kont tal-emendi introdotti mit-Trattat ta' Lisbona ***u tat-twaqqif tas-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna, bi qbil mad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/427/UE tas-26 ta' Lulju 2010 li tistabbilixxi l-organizzazzjoni u l-funzjonament tas-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna***[2].

(2) It-Trattat ta' Lisbona jistabbilixxi Servizz Ewropew ta' Azzjoni Esterna (minn hawn 'il quddiem is-"SEAE"). Skont ***id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/427/UE tas-26 ta' Lulju 2010 li tistabbilixxi l-organizzazzjoni u l-funzjonament tas-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna,*** is-SEAE huwa servizz ta' natura sui generis u għandu jiġi ttrattat bħala istituzzjoni għall-finijiet tar-Regolament Finanzjarju.

(3) ***Fil-kuntest tal-kwittanza,*** minħabba li s-SEAE għandu jiġi trattat bħala istituzzjoni għall-finijiet tar-Regolament Finanzjarju, ***is-SEAE għandu jkun suġġett b'mod sħiħ għall-proċeduri previsti fl-Artikolu 319 tat-Trattat dwar il-funzjonament tal-Unjoni Ewropea (minn hawn 'il quddiem it-"TFUE") u fl-Artikoli 145 sa 147 tar-Regolament Finanzjarju. Is-SEAE għandu jikkoopera bis-sħiħ mal-istituzzjonijiet involuti fil-proċedura ta' kwittanza u għandu jipprovdi, skont kif jixraq, l-informazzjoni addizzjonali meħtieġa, inkluż permezz ta' attendenza fil-laqgħat tal-korpi rilevanti. Il-Kummissjoni għandha tibqa' responsabbli, bi qbil mal-Artikolu 319 TFUE, għall-implimentazzjoni tal-baġit***, inkluži l-approprjazzjonijiet operattivi implimentati mill-Kapijiet tad-Delegazzjonijiet li huma uffiċjali awtorizzanti b'sottodelega tal-Kummissjoni. ***Sabiex jippermettu lill-Kummissjoni biex tissodisfa r-responsabbiltajiet tagħha, il-Kapijiet tad-Delegazzjonijiet tal-Unjoni għandhom jipprovdu l-informazzjoni meħtieġa. Ir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà għandu jiġi infurmat fl-istess ħin u għandu jiffaċilita l-kooperazzjoni bejn id-Delegazzjonijiet tal-Unjoni u d-dipartimenti tal-Kummissjoni. Minħabba n-natura ġdida ta' din l-istruttura, jeħtieġ li jiġu applikati dispożizzjonijiet ta' standard għoli dwar it-trasparenza u r-responsabilità baġitarja u finanzjarja.***

(3a) Fi ħdan is-SEAE, Direttur Ġenerali għall-baġit u l-amministrazzjoni għandu jirrispondi lir-Rappreżentant Għoli għall-ġestjoni amministrattiva u baġitarja interna tas-SEAE. Id-Direttur Ġenerali għandu jaħdem fi ħdan il-format eżistenti u jsegwi l-istess regoli amministrattivi bħal dawk applikabbli għal dik il-parti tat-Taqsima III tal-baġit tal-UE li taqa' taħt l-intestatura 5 tal-qafas finanzjarju multiannwali;

(3b) It-twaqqif tas-SEAE għandu jkun iggwidat, kif iddikjarat fil-linji gwida stipulati mill-

---

[1] ĠU L 248, 16.9.2002, p.1.

[2] ĠU L 201, 3.8.2010, p. 30.

Kunsill Ewropew tad-29 u t-30 ta' Ottubru 2009, mill-prinċipju tal-kost effiċjenza bl-għan tan-newtralità baġitarja;

(4) It-Trattat ta' Lisbona jipprevedi li d-Delegazzjonijiet tal-Kummissjoni jsiru parti mis-SEAE bħala Delegazzjonijiet tal-Unjoni. Sabiex tiġi żgurata l-ġestjoni effiċjenti tagħhom, kull nefqa amministrattiva u ta' appoġġ tad-Delegazzjonijiet tal-Unjoni li tiffinanzja l-ispejjeż komuni għandha tiġi eżegwita minn servizz ta' appoġġ uniku. Għal dak il-għan, ir-Regolament Finanzjarju għandu jipprevedi l-possibbiltà għal ***arranġamenti*** dettaljati, li jridu jiġu miftiehma mal-Kummissjoni, sabiex tiġi ffaċilitata l-implimentazzjoni tal-approprjazzjonijiet ***amministrattivi*** tad-Delegazzjonijiet tal-Unjoni ▌;

(5) Huwa meħtieġ li tiġi żgurata l-kontinwità tal-funzjonament tad-Delegazzjonijiet tal-Unjoni u b'mod partikolari l-kontinwità u l-effiċjenza fil-ġestjoni tal-għajnuna esterna mid-Delegazzjonijiet. Għalhekk il-Kummissjoni għandha tkun awtorizzata biex tgħaddi b'sottodelega s-setgħat tagħha ta' implimentazzjoni baġitarja tal-infiq operattiv lill-Kapijiet tad-Delegazzjonijiet tal-Unjoni li jappartjenu għas-SEAE bħala istituzzjoni separata. Barra minn hekk, fejn il-Kummissjoni timplimenta l-baġit b'ġestjoni ċentralizzata diretta, għandu jkun permess lilha li tagħmel dan ukoll permezz ta' sottodelega lill-Kapijiet tad-Delegazzjonijiet tal-Unjoni. L-uffiċjali awtorizzanti b'delega tal-Kummissjoni għandhom ikomplu jkunu responsabbli għad-definizzjoni tas-sistemi tal-ġestjoni u kontroll interni, filwaqt li l-Kapijiet tad-Delegazzjonijiet tal-Unjoni għandhom ikunu responsabbli għall-ħolqien u t-tħaddim ta' sistemi ta' ġestjoni u kontroll interni adegwati u għall-ġestjoni tal-fondi u l-operazzjonijiet imwettqa fid-Delegazzjonijiet tagħhom u huma għandhom jirrapportaw dwar dan darbtejn fis-sena. ***Delega bħal din tista' tiġi rtirata skont ir-regoli applikabbli għall-Kummissjoni.***

(6) Sabiex ikunu konformi mal-prinċipju ta' ġestjoni finanzjarja soda, il-Kapijiet tad-Delegazzjonijiet tal-Unjoni, meta jaġixxu bħala uffiċjali awtorizzanti b'sottodelega tal-Kummissjoni, għandhom japplikaw ir-regoli tal-Kummissjoni u għandhom ikunu suġġetti għall-istess dmirijiet, obbligi u responsabbiltà bħal kull uffiċjal awtorizzanti b'sottodelega tal-Kummissjoni. Għal dawk il-finijiet, huma għandhom jirreferu wkoll għall-Kummissjoni bħala l-istituzzjoni tagħhom ▌.

▌

(8) L-uffiċjal tal-kontabilità tal-Kummissjoni jibqa' responsabbli għat-taqsima tal-Kummissjoni tal-baġit kollha kemm hi, inklużi l-operazzjonijiet ta' kontabilità li jirrigwardaw l-approprazzjonijiet mgħoddija b'sottodelega lill-Kapijiet tad-Delegazzjonijiet tal-Unjoni. Għalhekk, huwa meħtieġ li jiġi ċċarat li r-responsabbiltajiet tal-uffiċjal tal-kontabilità tas-SEAE għandhom jikkonċernaw biss it-taqsima tal-baġit tas-SEAE biex tiġi evitata kull duplikazzjoni ta' responsabbiltajiet. ***L-uffiċjal tal-kontabilità tal-Kummissjoni għandu jaġixxi wkoll bħala l-uffiċjal tal-kontabilità tas-SEAE fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit tat-taqsima tas-SEAE tal-baġit, suġġett għal eżami.***

(9) Sabiex tiġi żgurata l-koerenza u l-ugwaljanza tat-trattament bejn l-uffiċjali awtorizzanti b'sottodelega li huma persunal tas-SEAE u dawk li huma impjegati tal-Kummissjoni, kif ukoll l-infurmar xieraq tal-Kummissjoni, il-bord speċjali għall-irregolaritajiet finanzjarji

tal-Kummissjoni għandu wkoll ikun responsabbli sabiex jieħu azzjoni dwar irregolaritajiet fi ħdan is-SEAE fejn il-Kummissjoni għaddiet poteri ta' implimentazzjoni b'sottodelega lill-Kapijiet tad-Delegazzjonijiet tal-Unjoni. Madankollu, sabiex tinżamm ir-rabta bejn ir-responsabbiltà tal-ġestjoni finanzjarja u l-azzjoni dixxiplinari, il-Kummissjoni għandha tkun intitolata titlob lir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà sabiex jibda proċedimenti jekk il-bord isib irregolaritajiet li jikkonċernaw il-kompetenzi tal-Kummissjoni mgħoddija b'sottodelega lill-Kapijiet tad-Delegazzjonijiet tal-Unjoni. F'dan il-każ ir-Rappreżentant Għoli għandu jieħu l-azzjoni xierqa skont ir-Regolament tal-Persunal.

(10) ▌L-awditur intern tal-Kummissjoni għandu jaġixxi bħala l-awditur intern tas-SEAE fir-rigward tal-implimentazzjoni tat-taqsimiet tal-baġit tal-Kummissjoni u tas-SEAE***, suġġett għal eżami***.

(10a) Biex jiġi żgurat l-iskrutinju demokratiku tal-implimentazzjoni tal-baġit tal-Unjoni Ewropea, il-Kapijiet tad-Delegazzjonijiet tal-Unjoni għandhom jipprovdu assigurazzjoni, flimkien ma' rapport li jkun jinkludi informazzjoni dwar l-effiċjenza u l-effikaċja tas-sistemi ta' ġestjoni u kontroll interni fid-delegazzjoni tagħhom, kif ukoll dwar il-ġestjoni ta' operazzjonijiet li ġew fdati lilhom b'sottodelega. Ir-rapporti tal-Kapijiet tad-Delegazzjonijiet tal-Unjoni għandhom jiġu mehmuża bħala annessi mar-rapport ta' attività annwali tal-uffiċjal awtorizzanti b'delega responsabbli u jkunu disponibbli għall-awtorità baġitarja.

(10b) It-terminu "Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà", għall-finijiet tar-Regolament Finanzjarju, għandu jiġi interpretat bi qbil mad-diversi funzjonijiet tar-Rappreżentant Għoli skont l-Artikolu 18 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea.

(11) Ir-Regolament (KE, Euratom) Nru 1605/2002 għandu għalhekk jiġi emendat kif meħtieġ,

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament (KE, Euratom) Nru 1605/2002 hu emendat kif ġej: ▌

(1) ***L-Artikolu 1 għandu jinbidel b'dan li ġej:***

"Artikolu 1

1. Dan ir-Regolament jistabbilixxi r-regoli għat-twaqqif u l-implimentazzjoni tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea, ('il-baġit'), u għall-preżentazzjoni u l-verifika tal-kontijiet.

2. Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament:

- it-terminu "istituzzjoni" jirreferi għall-Parlament Ewropew, il-Kunsill

Ewropew u l-Kunsill, il-Kummissjoni Ewropea, il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea u l-Qorti tal-Awdituri, il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew, il-Kumitat tar-Reġjuni, l-Ombudsman Ewropew, il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data u s-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna (SEAE);

- il-Bank Ċentrali Ewropew m'għandux jitqies bħala istituzzjoni tal-Unjoni.

3. Kwalunkwe referenza għall-"Komunitajiet" jew għall-"Unjoni" għandha tinftiehem bħala referenza għall-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika."

(1a) Fit-tieni paragrafu tal-Artikolu 16, il-kliem "tas-Servizz Estern tal-Kummissjoni" għandhom jinbidlu bil-kliem "tal-Kummissjoni u tas-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna".

(2) Fl-Artikolu 28(1), l-ewwel subparagrafu għandu jiġi ssostitwit b'dan li ġej:

"Kull proposta jew inizjattiva sottomessa lill-awtorità leġiżlattiva mill-Kummissjoni, ir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà jew Stat Membru, li jista' jkollha impatt fuq il-baġit, inkluż tibdil fin-numru ta' karigi, għandha tkun akkumpanjata b'dikjarazzjoni finanzjarja u l-evalwazzjoni prevista fl-Artikolu 27(4) ta' dan ir-Regolament."

(3) Fl-Artikolu 30(3), l-ewwel subparagrafu għandu jiġi ssostitwit b'dan li ġej:

"Il-Kummissjoni għandha tagħmel disponibbli, b'mod xieraq, l-informazzjoni dwar il-benefiċjarji ta' fondi li ġejjin mill-baġit miżmum minnha meta l-baġit ikun implimentat fuq bażi ċentralizzata ***u direttament mid-dipartimenti tagħha jew mid-Delegazzjonijiet tal-Unjoni skont it-tieni paragrafu tal-Artikolu 51,*** u l-informazzjoni dwar il-benefiċjarji ta' fondi kif ipprovduti mill-entitajiet li lilhom ikunu delegati l-kompiti tal-implimentazzjoni tal-baġit taħt modi oħrajn ta' ġestjoni."

(4) Fl-ewwel paragrafu tal-Artikolu 31, il-kliem ***"il-Kunsill Ewropew u" għandhom jiddaħħlu quddiem il-kliem "il-Kunsill" u l-kliem "u s-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna"*** huma mdaħħla quddiem ***il-kliem "għandhom iħejju".***

(4a) Fl-Artikolu 31, il-paragrafu li ġej għandu jiddaħħal wara l-paragrafu 1:

"Is-SEAE għandu jfassal stima tad-dħul u l-infiq tiegħu, li għandu jibgħat lill-Kummissjoni qabel l-1 ta' Lulju ta' kull sena. Ir-Rappreżentant Għoli għandu jorganizza, rispettivament, konsultazzjonijiet mal-Kummissarju għall-Politika tal-Iżvilupp, mal-Kummissarju għall-Politika tal-Viċinat u mal-Kummissarju għall-Kooperazzjoni Internazzjonali, l-Għajnuna Umanitarja u r-Rispons f'każ ta' Kriżi rigward ir-responsabbiltajiet rispettivi tagħhom."

(4b) Fl-Artikolu 33, għandu jiżdied il-paragrafu li ġej:

"3. F'konformità mal-Artikolu 8(5) tad-Deċiżjoni 2010/427/UE u sabiex tiġi

żgurata t-trasparenza baġitarja fil-qasam tal-azzjoni esterna tal-Unjoni, il-Kummissjoni għandha tibgħat lill-awtorità baġitarja, flimkien mal-abbozz ta' baġit, dokument ta' ħidma li jippreżenta, b'mod komprensiv:

- ***l-infiq amministrattiv u operazzjonali kollu relatat mal-azzjonijiet esterni tal-Unjoni, inklużi l-kompiti PESK/PSDK, u ffinanzjati mill-baġit tal-Unjoni;***

- ***l-infiq amministrattiv globali tas-SEAE għas-sena preċedenti skont id-delegazzjoni u għall-amministrazzjoni ċentrali tas-SEAE u l-infiq operattiv skont iż-żona ġeografika (reġjuni, pajjiżi), l-oqsma tematiċi, id-delegazzjoni u l-missjoni.***

Id-dokument ta' ħidma għandu wkoll:

- ***juri n-numru ta' karigi għal kull grad f'kull kategorija u n-numru ta' karigi permanenti u temporanji inkluż il-persunal kuntrattwali u lokali awtorizzati fil-limiti tal-approprjazzjonijiet tal-baġit f'kull waħda mid-Delegazzjonijiet tal-Unjoni kif ukoll fl-amministrazzjoni ċentrali tas-SEAE;***

- ***juri kwalunkwe żieda jew tnaqqis fil-karigi skont il-grad u l-kategorija fl-amministrazzjoni ċentrali tas-SEAE u fid-Delegazzjonijiet tal-Unjoni kollha kemm huma fuq il-baži tas-sena preċedenti;***

- ***juri, flimkien man-numru ta' karigi awtorizzati għas-sena finanzjarja, in-numru ta' karigi awtorizzati għas-sena preċedenti, kif ukoll in-numru ta' karigi okkupati minn uffiċjali diplomatiċi ssekondati mill-Istati Membri u minn persunal tal-Kunsill u tal-Kummissjoni; jipprovdi stampa dettaljata tal-persunal kollu fid-delegazzjonijiet tal-Unjoni fil-mument tal-preżentazzjoni tal-abbozz ta' baġit, imqassma skont iż-żona ġeografika, il-pajjiż u l-missjoni individwali, filwaqt li ssir distinzjoni bejn il-karigi tal-organigramma, l-aġenti kuntrattwali, l-aġenti lokali u l-esperti nazzjonali ssekondati u l-approprjazzjonijet mitluba fl-abbozz ta' baġit għal tipi oħra ta' persunal flimkien ma' stimi korrispondenti tal-persunal f'karigi ekwivalenti ta' full-time, li jista' jiġi impjegat fil-limiti tal-approprjazzjonijiet mitluba."***

(4c) Fl-Artikolu 46(1), għandu jiżdied is-subparagrafu li ġej:

"(5a) l-ammont totali tal-infiq tal-Politika Estera u ta' Sigurtà Komuni (minn issa 'l quddiem "PESK") għandha tiddaħħal f'kapitolu wieħed tal-baġit, intitolat PESK, b'artikoli baġitarji speċifiċi. Dawk l-artikoli għandhom ikopru l-infiq tal-PESK u għandhom jinkludu linji baġitarji speċifiċi li jidentifikaw mill-inqas il-missjonijiet ewlenin individwali."

(5) Fl-ewwel paragrafu tal-Artikolu 50 jiżdiedu s-sentenzi li ġejjin:

"Madankollu, ***arranġamenti*** dettaljati jistgħu jiġu miftiehma mal-Kummissjoni sabiex

tiġi ffaċilitata l-implimentazzjoni tal-approprjazzjonijiet ***amministrattivi*** tad-Delegazzjonijiet tal-Unjoni ▌. ***Dawn l-arranġamenti m'għandhomx jinkludu derogi mid-dispożizzjonijiet tar-Regolament Finanzjarju u mir-regoli implimentattivi tiegħu."***

(6) Fl-Artikolu 51 għandhom jiżdiedu l-paragrafi li ġejjin:

"Madankollu, il-Kummissjoni tista' tiddelega l-poteri tagħha ta' implimentazzjoni tal-baġit għall-approprjazzjonijiet ***operattivi*** tat-taqsima tagħha stess lill-Kapijiet tad-Delegazzjonijiet tal-Unjoni. ***Hija għandha, fl-istess ħin, tinforma lir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà b'dan.*** Meta l-Kapijiet tad-Delegazzjonijiet tal-Unjoni jaġixxu bħala uffiċjali awtorizzanti b'sottodelega tal-Kummissjoni, huma għandhom japplikaw ir-regoli tal-Kummissjoni għall-implimentazzjoni tal-baġit u għandhom ikunu sottomessi għall-istess dmirijiet, obbligi u responsabbiltà bħal kull uffiċjal awtorizzanti b'sottodelega tal-Kummissjoni.

Il-Kummissjoni tista' tirtira dik id-delega skont ir-regoli tagħha stess.

Għall-finijiet tat-tieni paragrafu, ir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà għandu jieħu l-miżuri meħtieġa biex jiffaċilita l-kooperazzjoni bejn id-Delegazzjonijiet tal-Unjoni u d-dipartimenti tal-Kummissjoni."

(7) L-Artikolu 53a huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Artikolu 53a

Meta l-Kummissjoni timplimenta l-baġit fuq bażi ċentralizzata, il-kompiti implimentattivi għandhom jitwettqu, jew direttament mid-dipartimenti tagħha jew mid-Delegazzjonijiet tal-Unjoni skont it-tieni paragrafu tal-Artikolu 51, jew b'mod indirett, skont l-Artikoli 54 sa 57."

(8) Fl-Artikolu 59, jiżdied il-paragrafu 5 li ġej:

"5. Meta l-Kapijiet tad-Delegazzjonijiet tal-Unjoni jaġixxu bħala uffiċjali awtorizzanti b'sottodelega skont it-tieni paragrafu tal-Artikolu 51, huma għandhom ***ikunu suġġetti għall-Kummissjoni bħala l-istituzzjoni responsabbli għad-definizzjoni, l-eżerċitar, il-kontroll u l-evalwazzjoni tad-dmirijiet u r-responsabbiltajiet tagħhom bħala uffiċjali awtorizzanti b'sottodelega***. ***Il-Kummissjoni għandha, fl-istess ħin, tinforma lir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà b'dan."***

(8a) Fl-aħħar tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 60(7), għandha tiżdied is-sentenza li ġejja:

"Ir-rapporti annwali ta' attività tal-uffiċjali awtorizzanti b'delega għandhom jitqiegħdu wkoll għad-dispożizzjoni tal-awtorità tal-baġit."

(9) Fit-Taqsima 2 jiddaħħal l-Artikolu 60a li ġej:

"Artikolu 60a

1. Meta l-Kapijiet tad-Delegazzjonijiet tal-Unjoni jaġixxu bħala uffiċjali awtorizzanti b'sottodelega skont it-tieni paragrafu tal-Artikolu 51, huma għandhom jikkooperaw mill-qrib mal-Kummissjoni għall-implimentazzjoni xierqa tal-fondi, sabiex tiġi żgurata b'mod partikolari l-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet finanzjarji, ir-rispett tal-prinċipju tal-ġestjoni finanzjarja tajba fil-ġestjoni tal-fondi u l-ħarsien effettiv tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni.

   Għal dan il-għan, huma għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa sabiex jipprevjenu kwalunkwe sitwazzjoni li tista' tqiegħed fil-periklu r-responsabbiltà tal-Kummissjoni għall-implimentazzjoni tal-baġit sottodelegat lilhom kif ukoll kwalunkwe kunflitt ta' ▌ prijoritajiet li ***x'aktarx ikollu*** impatt fuq l-implimentazzjoni tad-dmirijiet tal-ġestjoni finanzjarja ssottodelegati lilhom.

   Meta jinqalgħu sitwazzjoni jew kunflitt kif imsemmija fit-tieni subparagrafu, il-Kapijiet tad-Delegazzjonijiet tal-Unjoni għandhom jgħarrfu b'dan mingħajr dewmien ***lid-Diretturi Ġenerali*** tal-Kummissjoni ▌ u ***tas-SEAE responsabbli***. ***Dawn għandhom jieħdu passi xierqa biex isibu soluzzjoni għas-sitwazzjoni.***

2. Meta Kap ta' Delegazzjoni tal-Unjoni jsib ruħu f'sitwazzjoni msemmija fl-Artikolu 60(6), huwa għandu jirreferi għall-bord speċjalizzat għall-irregolaritajiet finanzjarji mwaqqaf skont l-Artikolu 66(4). Fil-każ ta' kwalunkwe attività illegali, frodi jew korruzzjoni li tista' tippreġudika l-interessi tal-Komunità, huwa għandu jinforma lill-awtoritajiet jew korpi maħtura mil-leġiżlazzjoni applikabbli.

3. Kapijiet tad-Delegazzjonijiet tal-Unjoni li jkunu qed jaġixxu bħala uffiċjali awtorizzanti b'sottodelega skont it-tieni paragrafu tal-Artikolu 51 għandhom jirrapportaw ▌ lill-uffiċjal awtorizzanti b'delega tagħhom sabiex dan ikun jista' jintegra r-rapporti tagħhom fir-rapport annwali ta' attività tiegħu msemmi fl-Artikolu 60(7). ***Ir-rapporti tal-Kapijiet*** tad-Delegazzjonijiet ***għandhom jinkludu*** informazzjoni dwar l-effiċjenza u l-effikaċja tas-sistemi ta' ġestjoni u kontroll interni stabbiliti fid-delegazzjoni tagħhom, kif ukoll il-ġestjoni ta' operazzjonijiet sottodelegati lilhom***, u jipprovdu l-assigurazzjoni skont l-Artikolu 66(3a)***. ***Dawn ir-rapporti għandhom jiġu mehmuża bħala annessi mar-rapport annwali tal-attività tal-uffiċjal awtorizzanti b'delega, u għandhom ikunu disponibbli għall-awtorità tal-baġit filwaqt li titqies, fejn ikun xieraq, il-kunfidenzjalità tagħhom.***

   Il-Kapijiet tad-Delegazzjonijiet għandhom jikkooperaw b'mod sħiħ mal-istituzzjonijiet involuti fil-proċedura ta' kwittanza u jipprovdu, fejn ikun xieraq, l-informazzjoni addizzjonali neċessarja. F'dan il-kuntest, jistgħu jintalbu jattendu laqgħat tal-korpi rilevanti u jgħinu lill-Uffiċjal Awtorizzanti b'delega responsabbli.

4. Kapijiet tad-Delegazzjonijiet tal-Unjoni li jkunu qed jaġixxu bħala uffiċjali awtorizzanti b'sottodelega skont it-tieni paragrafu tal-Artikolu 51 għandhom iwieġbu għal kwalunkwe talba mill-uffiċjal awtorizzanti b'delega tal-Kummissjoni ***fuq talba tiegħu stess jew, fil-kuntest tal-kwittanza, meta t-talba ssir mill-Parlament Ewropew.***

4a. Il-Kummissjoni għandha tiżgura li s-sottodelegazzjoni tal-poteri ma

tippreġudikax il-proċedura ta' kwittanza, bi qbil mal-Artikolu 319 TFUE."

(10) Fl-Artikolu 61(1), ***għandhom jiġu miżjuda s-subparagrafi*** li ***ġejjin***:

"Ir-responsabbiltajiet tal-uffiċjal tal-kontabilità tas-SEAE għandhom jikkonċernaw biss it-taqsima tas-SEAE tal-baġit kif implimentat mis-SEAE. ***L-uffiċjal tal-kontabilità tal-Kummissjoni jibqa' responsabbli għat-taqsima tal-Kummissjoni tal-baġit kollha kemm hi, inkluži l-operazzjonijiet ta' kontabilità li jirrigwardaw l-approprazzjonijiet mgħoddija b'sottodelega lill-Kapijiet tad-Delegazzjonijiet tal-Unjoni.***

L-uffiċjal tal-kontabilità tal-Kummissjoni għandu jaġixxi wkoll bħala l-uffiċjal tal-kontabilità tas-SEAE fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit tat-taqsima tas-SEAE tal-baġit, suġġett għad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 186a ta' dan ir-Regolament."

(11) L-Artikolu 66 għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) jiżdied il-paragrafu 3a li ġej:

"3a. Fil-każ ta' sottodelegazzjoni lill-Kapijiet tad-Delegazzjonijiet tal-Unjoni, l-uffiċjali awtorizzanti b'delega għandhom ikunu responsabbli għad-definizzjoni tas-sistemi tal-ġestjoni u l-kontroll interni fis-seħħ, u l-effiċjenza u l-effikaċja tagħhom. Il-Kapijiet tad-Delegazzjonijiet tal-Unjoni għandhom ikunu responsabbli għall-formazzjoni u l-funzjonament adegwati ta' dawk is-sistemi, skont l-istruzzjonijiet tal-uffiċjal awtorizzanti b'delega, u għall-ġestjoni tal-fondi u l-operazzjonijiet li dawn jeżegwixxu fid-Delegazzjoni tal-Unjoni taħt ir-responsabbiltà tagħhom. ***Qabel ma jibdew jaqdu dmirijiethom, huma għandhom isegwu korsijiet speċifiċi ta' taħriġ dwar il-kompiti u r-responsabilitajiet tal-uffiċjali awtorizzanti u dwar l-implimentazzjoni tal-baġit, bi qbil mal-Artikolu 50 tar-regoli implimentattivi.***

Kapijiet tad-Delegazzjonijiet tal-Unjoni għandhom jirrapportaw dwar ir-responsabbiltajiet tagħhom skont l-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu skont l-Artikolu 60a(3).

Kull sena, il-Kapijiet tad-Delegazzjonijiet tal-Unjoni jipprovdu lill-uffiċjal awtorizzanti b'delega tal-Kummissjoni ***bl-assigurazzjoni*** fuq is-sistemi tal-ġestjoni u l-kontroll interni stabbiliti fid-Delegazzjoni tagħhom***, kif ukoll dwar il-ġestjoni tal-operazzjonijiet sottodelegati lilhom u r-riżultati tagħhom,*** sabiex jippermettu lill-uffiċjal awtorizzanti biex jistabbilixxi d-dikjarazzjoni tiegħu ta' assigurazzjoni***, kif stipulat fl-Artikolu 60(7).***"

(b) jiżdied il-paragrafu 5 li ġej:

"5. Meta l-Kapijiet tad-Delegazzjonijiet tal-Unjoni jaġixxu bħala uffiċjali awtorizzanti b'sottodelega skont it-tieni paragrafu ***tal-Artikolu 51***, il-bord speċjalizzat għall-irregolaritajiet finanzjarji mwaqqaf mill-Kummissjoni skont il-paragrafu 4 ta' dan l-Artikolu għandu jkun kompetenti għall-każijiet imsemmija f'dak il-paragrafu.

Jekk il-bord isib problemi sistemiċi, huwa għandu jibgħat rapport bir-rakkomandazzjonijiet lill-uffiċjal awtorizzanti, lir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà u lill-uffiċjal awtorizzanti b'delega tal-Kummissjoni, sakemm dan tal-aħħar ma jkunx il-persuna involuta, u kif ukoll lill-awditur intern.

Fuq il-bażi tal-opinjoni tal-bord, il-Kummissjoni tista' titlob lir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà biex jibda, fil-kapaċità tiegħu***/tagħha*** bħala awtorità li taħtar, proċedimenti li jwasslu għal azzjoni dixxiplinari jew għal ħlas ta' kumpens kontra l-uffiċjali awtorizzanti b'sottodelega jekk l-irregolaritajiet jirrigwardaw il-kompetenzi tal-Kummissjoni mgħoddija lilhom b'sottodelega. F'każ bħal dan, ir-Rappreżentant Għoli ***se*** jieħu azzjoni xierqa skont ir-Regolament tal-Persunal ***biex jinforza d-deċiżjonijiet dwar l-azzjoni dixxiplinari u/jew il-ħlas ta' kumpens kif rakkomandat mill-Kummissjoni***.

L-Istati Membri għandhom jappoġġaw b'mod sħiħ lill-Unjoni fl-infurzar ta' kwalunkwe responsabilità skont l-Artikolu 22 tar-Regolament tal-Persunal ta' persunal temporanju li għalih japplika l-Artikolu 2(e) tal-Kundizzjonijiet tal-impjieg ta' impjegati oħra tal-Komunitajiet Ewropej."

(12) Fl-Artikolu 85 għandhom jiżdiedu ***s-subparagrafi*** li ġejjin:

"Għall-iskopijiet tal-verifika interna tas-SEAE, il-Kapijiet tad-Delegazzjonijiet tal-Unjoni, li jkunu qed jaġixxu bħala uffiċjali awtorizzanti b'sottodelega skont it-tieni paragrafu tal-Artikolu 51 għandhom ikunu suġġetti għas-setgħat ta' verifika tal-awditur intern tal-Kummissjoni għall-ġestjoni finanzjarja mgħoddija lilhom b'sottodelega.

L-awditur intern tal-Kummissjoni għandu jaġixxi wkoll bħala l-awditur intern tas-SEAE fir-rigward tal-implimentazzjoni tat-taqsima tas-SEAE tal-baġit***, suġġett għad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 186a ta' dan ir-Regolament.***"

(12a) Għandu jiddaħħal l-Artikolu li ġej:

"Artikolu 147a

Is-SEAE għandu jkun suġġett għalkollox għall-proċeduri previsti fl-Artikolu 319 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u fl-Artikoli 145 sa 147 tar-Regolament Finanzjarju. Is-SEAE għandu jikkoopera bis-sħiħ mal-istituzzjonijiet involuti fil-proċedura ta' kwittanza u għandu jipprovdi, skont kif ikun xieraq, l-informazzjoni addizzjonali meħtieġa, inkluż permezz tal-attendenza f'laqgħat tal-korpi rilevanti."

(13) Fl-Artikolu 163, l-ewwel sentenza għandha tiġi sostitwita b'dan li ġej:

"L-azzjonijiet imsemmijin f'dan it-Titolu jistgħu jiġu implimentati fuq bażi ċentralizzata mill-Kummissjoni skont l-Artikolu 53a, b'ġestjoni konġunta, fuq bażi deċentralizzata mill-pajjiż(i) terz(i) benefiċjarju/i, jew konġuntament ma' organizzazzjonijiet

internazzjonali f'konformità mad-dispożizzjonijiet rilevanti tal-Artikoli 53 sa 57."

(14) Fl-Artikolu 165, l-ewwel sentenza tiġi sostitwita b'dan li ġej:

"L-implimentazzjoni ta' azzjonijiet minn pajjiżi terzi jew organizzazzjonijiet internazzjonali benefiċjarji hija suġġetta għal skrutinju mill-Kummissjoni ***u mid-Delegazzjonijiet tal-Unjoni skont it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 51."***

(15a) Għandu jiddaħħal l-Artikolu li ġej:

"Artikolu 186a

L-Artikolu 61(1), it-tielet subparagrafu u l-Artikolu 85, it-tielet subparagarfu għandhom jiġu eżaminati fl-2013 filwaqt li jitqiesu kif jixraq in-natura speċifika tas-SEAE u b'mod partikolari dik tad-delegazzjonijiet tal-Unjoni u, fejn ikun jixraq, il-kapaċità ta' ġestjoni finanzjarja adegwata tas-SEAE."

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Parlament Ewropew	Għall-Kunsill
Il-President	Il-President

Anness

Dikjarazzjoni tal-Kummissjoni

"Il-Kummissjoni se tindirizza l-kwistjoni tal-istrument tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp bil-ħsieb li tintegrah fil-baġit tal-Unjoni fil-qafas tal-proposti tagħha relatati mal-qafas finanzjarju multiannwali li jmiss."

Or. en